# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-seba' u sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 9 ta' Dicembru 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.05 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 66**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu:*** L-Agent S.E. nforma li ma kienx hemm zviluppi mill-ahhar laqgha u ghandna qed nistenna li johrog il-*Compliance Certificate*.

**3.2** ***Para 3.2 – Triq Santa Katerina:*** L-Agent S.E. informa li l-ADT kienu nfurmawna li qabel ituna risposta kienu ghadhom iridu jaghmlu *site visit*.

**3.3** ***Para 3.3 – Kotba – Librerija Lokali :*** L-Agent S.E. informa li kienu bdew jaslu l-kotba li konna ordnajna.

**3.4** ***Para 3.4 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart :*** L-Agent S.E. informa li s-sejha ghall-offerti kienet saret u din taghlaq fid-19 ta' Jannar 2010.

Rigward il-*Landfill Chits*, l-Agent S.E. informa li dawn kienu qed jaslu gimgha gimgha u fuq struzzjonijiet tal-Kunsill, l-Agent S.E. intalab sabiex jinsisti mal-kuntrattur sabiex dawn jibdew jingiebu kuljum. Gie unanimament deciz li jekk dawn jindikaw li l-volum ta skart li qed jingabar hu akbar minn dak stmat, id-Dipt tal-Gvern Lokali ghandu jigi infurmat minnufih.

**3.5** ***Para 3.5 – Ftuh tal-Librerija s-Sibtijiet :*** L-Agent S.E. informa li wara li saru l-arrangamenti necessarji mad-Dipt. tal-Libreriji, l-Kap ta' l-iSkola, l-librara prezenti gie stabbilit li l-librara l-gdida tibda s-servizz minn nhar is-Sibt 12 ta' Dicembru.

3.6 ***Para 3.6 – Devoluzzjoni Xelter:*** L-Agent S.E. informa li ma kienx hemm zviluppi mill-ahhar laqgha u gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jinsisti ghal laqgha ma l-ufficcju tas-Segretarju Parlamentari responsabbli.

3.7 ***Para 3.7 – Hajt fi Triq Indipendenza:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew risposta minghand il-MEPA u d-Dipt. ta' l-Artijiet pero jidher li l-MEPA kienu ser jiehdu azzjoni peress li hajt li nbena mhux kopert bil-permess.

3.8 ***Para 3.12 – Laqgha Progett Leader*: –** Is-Sindku spjega li l-grupp kien lesta l-istrategija u din kienet ser tigi pprezentata lil-Gvern Centrali fil-15 ta' Dicembru 2009 meta ser issir ukoll konferenza stampa. Il-Vici-Sindku ser jattendi ghal din il-konferenza stampa.

3.9 ***Para 3.13 – Progett Xwieki –*** Is-Sindku nforma li sa issa konna ghadna ma rcivejniex risposta minghand il-Kunsill Malti ghall-iSport dwar l-uzu tal-post u dwar dan huwa kien rega kiteb lil-Onor. Seg. Parl. Dr Chris Said.

3.10 ***Para 3.14 – Culvert fi Triq Gargalo:*** L-Agent S.E. informa li hu kien ikkomunika d-decizjoni tal-Kunsill lil min kien ghamel it-talba.

3.11 ***Para 3.17– Milied 2009***: L-Agent S.E. informa li d-dawl dekorattiv kien wehel u qed jinxtghel kif approvat. Rigward l-attivita' ta Ghar San Brinkat, il-Vici-Sindku informa li wara l-laqgha tal-Kunsill hu kien ser jiltaqa mal-Kumitat tas-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew bil-ghan li din l-attivita' tigi organizza bi shab ma din is-Socjeta'. Rigward l-attivita'ghall-anzjani l-Kunsillier qal li din ser issir fit-29 ta' Dicembru 2009.

***Il-Kunsillier M. Mifsud halla l-laqgha fis-6:30 p.m. minhabba mpenji ohra.***

3.12 ***Para 5.1 – Parking Bays*** : L-Agent S.E. informa li x-xoghol approvat kien tlesta.

3.13 ***Para 5.4 – Matmura :*** L-Agent S.E. informa li l-MEPA kienet infurmawna li huma talbu li tigi iddepositata garanzija bankarja mill-izviluppatur sabiex tkopri l-harsien tal-matmura waqt li jkunu ghaddejjin ix-xogholijiet.

3.14 ***Para 7.2 – Xoghol fi Triq San Gwann :*** L-Agent S.E. informa li l-kuntrattur kien hallas l-ammont dovut u ghalhekk inhareg il-permess.

3.15 ***Para 7.4 – WIFI fi Gnien il-Paci:*** L-Agent S.E. informa li ghadu irid ikellem lill-Malta Communications Authority dwar it-talba tal-Kunsill.

3.16 ***Para 7.5 – Sqaq fi Triq il-Gnien :*** Is-S.E informa li Bitmac Ltd. kienu nfurmawh li l-istima sabiex isir dan ix-xoghol hija ta' € 3,100. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jaccetta din l-istima u jinsisti li x-xoghol jitlesta sa l-ahhar ta' Dicembru 2009.

**3.17** ***Para 7.6 – Survey Triq Indipendenza :*** Gie deciz li l-Kunsill ghandu jikkuntattja lil ADT sabiex jaghmlu dan is-*survey*.

**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sa l-4 ta' Dicembru 2009 meta giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament.

Gew unanimament approvati wkoll 3 kontijiet ta' € 60, € 60 u € 83.76 spejjez relatati ma l-attivita' ta' l-anzjani, il-pagament ta € 45 lis-Sur Joe Bugeja ghat-tqassim ta' *flyer* u l-fuljett u l-pagament ta € 261.60 xiri minghand Master Cellars.

Rigward il-kont minghand Bitmac Ltd. ghar-*resurfacing* ta' Triq Santa Katerina, gie unanimament deciz li l-Kunsill jikteb lill-Bitmac u jitolbu jipprezenta kont ibbazat fuq l-istima li kienet ipprovduta u l-kuntratt ezistenti.

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Ilment minn resident mill-Qasam tad-Djar tax-Xwieki dwar is-servizz tal-*Mechanical Sweeper*. Gie unanimament deciz li l-*Mechanical Sweeper* ma jibqax jintbghat f'dan il-Qasam tad-Djar izda minflok jibda jaghmel Triq Santa Katerina li ghadha kif giet miksija bit-tarmak ricentament. Sadanittant wiehed mill-haddiema tal-Kunsill ghandu jibda jnaddaf dan il-Qasam tad-Djar tax-Xwieki.

**5.2** Ilment dwar mera mkissra fi Triq Santa Katerina. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jixtri mera gdida minghand B. Grima & Sons.

**5.3** Talba minghand il-Perit Chris Micallef dwar it-tkomplija permezz tal-pavimentar ta' Sqaq il-Mithna. Il-Kunsill innota li skond ftehim milhuq aktar kmieni ma l-istess Perit, li qed jirrapprezenta s-sid ta' propjeta' fl-istess Sqaq, ix-xoghol ta' pavimentar kellhu jsir mis-sid wara li jitlestew ix-xogholijiet ta' kostruzzjoni. Gie ghalhekk unanimament deciz li ninistu mal-Perit Micallef u mas-sid sabiex dan ix-xoghol isir kemm jista jkun malajr.

**5.4** Talba mis-sid ta' Villa Reverie fi Triq Ghaxqet l-Ghajn sabiex ipoggi skip zghira vicin ir-residenza tieghu. Il-Kunsill unanimament iddecieda li ma jsib l-ebda oggezzjoni jekk skip zghira tinhareg hdejn ir-residenza waqt il-hin tal-gbir ta' l-iskart u terga tiddahhal lura gewwa fil-Villa wara li din titbattal. Pero is-sid ghandu jigi infurmat li din ma tistax tinzamm fit-triq.

**5.5** Talba minn resident sabiex sqaq li hemm vicin il-Madonna tal-Gebla l-Kbira jinkesa bil-konkos. Il-Kunsill innota li parti minn dan l-isqaq kienet diga inksiet bil-konkos filwaqt li l-kumplament ta' l-isqaq ghadu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Gie unanimament deciz li ghalissa ma jsir xejn aktar.

**5.6** Talba sabiex titwahhal bozza gdida fi Triq Dun Salvatore Zarb. Il-Kunsill tal-

fehma li hemm bizzejjed dawl fl-area pero qabel tittiehet decizjoni finali gie deciz li jintalab parir minghand l-Enemalta.

**5.7** Talba minn resident sabiex tinqala sigra quddiem sit li ser jizviluppa fi Vjal ir-Repubblika. Gie innotat li l-Kunsill diga ikkunsidra u iddecieda dwar dan il-kaz kif ukoll kien kiteb lir-resident. Gie unanimament deciz li r-resident jerga jigi infurmat bid-dettalji.

**5.8** Ilment minn resident li x-xoghol fuq is-sit fi Triq Kromb il-Bahar rega beda avolja kienet inharget *Enforcement Order*. Gie unanimament deciz li dan l-abbuz jerga jigi rrapurtat lill-MEPA.

**5.9** Talba sabiex issir tabella gdida ta Merhba Gharghur fi Triq Santa Katerina. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jitlob lill-HSBC sabiex din it-tabella tigi sponsorjata mill-bank u tkun simili ghat-tabelli l-ohra li diga gew installati.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Memo 78/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar l-Gheluq tas-Sena Finanzjarja.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Memo 81/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Tqassim ta' Memos lill-Kunsillieri u Avvizi u Kwotazzjonijiet fil-Gazzetti.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Memo 82/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Ftuh ta' Ufficcju Amministrattivi.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.5** Memo 84/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Allokazzjoni Finanzjarja ghas-Sena 2010.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.6** Korrispondenza mill-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar l-iSkema Fondi ghall-Progetti Specjali fejn gejna nfurmati li t-talba taghna ma kienitx giet milqugha.

Filwaqt li din il-korrispondenza giet innotata, s-S.E. informa li hu kien kiteb lid-Dipt tal-Gvern Lokali u talbu r-ragunijiet li wasslu sabiex l-applikazzjoni taghna tigi irrifjutata.

**6.7** Korrispondenza mill-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar Dhul fis-Sehh tal-Att Dwar

l-Amministrazzjoni Pubblika.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.8** Korrispondenza mill-Kumitat Kongunt ghad-Dwal fit-Toroq fejn gejna nfurmati li l-kuntratt ezistenti kien gie mgedded sa l-ahhar ta' Marzu 2010.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.9** Korrispondenza minghand Artech Ltd. li ticcertifika li l-lift installat fl-ufficcju tal-Kunsill huwa fi stat tajjeb ta' manutenzjoni .

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.10** Kopja ta' korrispondenza li l-Avukati Bonnici & Ellul baghtu lill-MEPA u lill-KMS dwar l-art fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.11** Korrispondenza minghand l-Onor. Dr Chris Said dwar laqgha ta' djalogu li ser issir fl-14 ta' Dicembru.

Din il-korrispondenza giet innotata. Peress li s-Sindku ser jkun impenjat fil-KKT, il-Vici-Sindku ser jattendi din il-laqgha ta'djalogu.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Is-Sindku nforma lil-Kunsill bl-izviluppi min-naha tad-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar is-S.E.

**7.2** Is-Sindku nforma li l-leaflet dwar l-ambjent kien tqassam madwar ir-rahal kollu mis-Sur Joe Bugeja filwaqt li l-fuljett ta' Dicembru 2009 ser jkun lest il-gimgha d-diehla u jitqassam mill-ewwel.

**7.3** Gie unanimament deciz li l-Kunsill iqabbad lill-Perit Hector Zammit sabiex jaghmel stimi ghall-kisi bit-tarmak ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn (maqsuma f'4 partijiet), Parti minn Triq San Gwann, parti minn Triq Indipendenza kif ukoll Triq tal-Ferha. Dan sabiex aktar il-quddiem il-Kunsill ikun jista jippartecipa fl-iskema PPP dwar it-toroq li ser tigi varata fil-gimghat li gejjin.

**7.4** Is-Sindku ta dettalji dwar laqgha li attenda ghaliha dwar il-Patt tas-Sindki u qal li fil-futur qarib ser nintalbu nohorgu sejha sabiex tigi ippreparata strategija ghall-izvilupp sostenibbli tal-lokalita'. Din giet approvata unanimament.

**7.5** Gie unanimament approvat is-suggeriment tas-Sindku sabiex l-*website* tal-Kunsill issir ukoll bil-lingwa Maltija kif ukoll il-*website* tkun toffri *webcam* tal-Pjazza tar-rahal.

***Il-Kunsillier M. Mifsud rega rritorna ghal-laqgha fit-8:30 p.m.*****

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**7.6** Is-Sindku informa lill-Kunsill bid-dettalji dwar laqgha li attenda ghaliha fl-ufficcju ta l-Onor Seg. Parl. Dr. Chris Said fejn fost l-ohrajn inghataw dettalji dwar PPP li tkopri l-kisi bit-tarmak tat-toroq, il-possibilita' li studenti mill-Universita jkunu *attached* ghall-perjodu ta zmien mal-Kunsill, l-allokazzjoni finanzjarja, l-fond ghat-titjib tac-centri tal-lokalitajiet, l-uzu ta' l-iskejjel wara l-hinijiet ta l-iskola etc.

**7.7** Is-Sindku awgura l-isbah xewqat lill-Kunsillieri, staff u lir-residenti kollha.

**7.8** Il-Kunsillier M. Mifsud issuggerixxa li jithawwlu diversi sigar fi Triq Ghaxqet l-Ghajn kif ukoll li nesploraw il-possibilita' li tibda ssir tisqija regolari permezz ta' *bowser*. Il-Kunsill unanimament approva din l-inizjattiva u l-Kunsillier Mifsud ser jiehu hsieb jipprovdi l-istimi preliminari.**

**8 Aggornament**

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fid-8:40 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 5 ta' Jannar 2009 fis-6:00 p.m.

***** Emendati waqt il-laqgha li nzammet fil-5 ta' Jannar 2010.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **5 ta' Jannar 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |